IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell 12.10.2004
KUMM(2004) 642 finali

2004/0239 (COD)

Proposta għal

# RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL U TAL-PARLAMENT EWROPEW

## dwar kooperazzjoni Ewropea akbar fl-assigurazzjoni tal-kwalità ta' l-edukazzjoni ogħla

(ippreżentata mill-Kummissjoni)

## MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

## 1. DAĦLA

Fl-24 ta’ Settembru 1998, il-Kunsill tal-Ministri adotta r-Rakkomandazzjoni dwar il-kooperazzjoni Ewropea fl-assigurazzjoni tal-kwalità ta’ l-edukazzjoni ogħla[1]. Ir-Rakkomandazzjoni tappella lill-Istati Membri sabiex jappoġġjaw jew iwaqqfu sistemi għall-assigurazzjoni tal-kwalità u sabiex jinkoraġġixxu istituzzjonijiet ta’ edukazzjoni ogħla u awtoritajiet kompetenti biex jikkooperaw u jibdlu l-esperjenzi bejniethom. Ir-Rakkomandazzjoni titlob ukoll lill-Kummissjoni tappoġja din il-kooperazzjoni u tirraporta dwar l-implimentazzjoni ta’ l-għanijiet tar-Rakkomandazzjoni fuq livell Ewropew u ta’ l-Istati Membri.

Ir-Rapport tal-Kummissjoni juri l-progress kbir li sar fit-twaqqif ta’ sistemi dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità u fil-promozzjoni tal-kooperazzjoni. Dawn l-iżviluppi huma pożittivi iżda mhux biżżejjed. Miżuri li għandhom firxa akbar huma meħtieġa sabiex l-edukazzjoni ogħla ta’ l-Ewropa tmur aħjar u ssir marka aktar trasparenti u ta’ min jafdaha għaċ-ċittadini tagħna stess u għal studenti u akkademiċi minn kontinenti oħra. Wara r-reviżjoni ta’ l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni, il-Kummissjoni hija għalhekk mistiedna tadotta mhux biss ir-Rapport iżda wkoll proposta għall-Kunsill ġdid u Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew.

***Minħabba f’hekk, il-Kummissjoni tipproponi lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew sabiex jadottaw Rakkomandazzjoni ġdida li għandha tibni fuq ir-Rakkomandazzjoni ta' l-1998 u tagħti kontribut konkret bil-għan li jkun hemm rikonoxximent reċiproku ta' sistemi u ta’ valutazzjonijiet dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità madwar l-Ewropa kollha. Dan il-Memorandum jipprovdi spjegazzjoni tal-ħames passi msemmija fil-proposta għar-Rakkomandazzjoni, ikkwotata bit-tipa korsiva.***

## 2. ĦAMES PASSI SABIEX JINTLAĦAQ RIKONOXXIMENT REĊIPROKU

### A. Mekkaniżmi interni dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità

*“jeħtieġu li l-istituzzjonijiet kollha ta’ edukazzjoni ogħla li huma attivi fit-territorju tagħhom idaħħlu jew jiżviluppaw mekkaniżmi rigorużi interni għall-assigurazzjoni tal-kwalità.”*

Assoċjazzjonijiet ta’ l-Università u netwerks ħadu diversi inizjattivi, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, sabiex jiżviluppaw tmexxija interna tal-kwalità (jew “kultura tal-kwalità”) fl-istituzzjonijiet, kif deskritti f’taqsima 3.3 ta’ dan ir-rapport. Madanakollu l-prattika tajba li tinżamm u tiġi żviluppata b'mod attiv tmexxija tal-kwalità għadha mhix mifruxa sew u b’mod uniformi madwar l-Ewropa. Hemm il-ħtieġa li din il-prattika li għandha x’taqsam mal-kwistjonijiet ta’ staffing istituzzjonali u ta’ iggvernar tajjeb, tinfirex madwar l-Ewropa, sabiex tikkumplimenta lil u tagħti bażi soda għall-evalwazzjoni esterna. Il-Kummissjoni se żżomm kont tal-progress f'dan il-qasam u se tkompli tagħti l-appoġġ tagħha lil inizjattivi ta' tmexxija tal-kwalità.

[1] Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta’ l-24 ta’ Settembru 1998 dwar il-kooperazzjoni Ewropea fl-assigurazzjoni tal-kwalità ta’ l-edukazzjoni ogħla (98/561/KE) ĠU L 270 tas-7.10.1998.

## B. Sett komuni ta' standards, proċeduri u linji ta' gwida

*"jeħtieġu li l-aġenziji għall-assigurazzjoni tal-kwalità jew ta' l-akkreditament li huma attivi fit-territorji tagħhom, ikunu indipendenti fl-evalwazzjonijiet tagħhom, japplikaw il-kriterji ta' l-assigurazzjoni tal-kwalità mniżżla fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Settembru 1998 u japplikaw sett komuni ta' standards, proċeduri u linji ta' gwida, għal għanijiet ta' evalwazzjoni."*

Il-Ministri responsabbli mill-Edukazzjoni Ogħla miġbura f'Berlin f'Settembru 2003 adottaw Mandat għall-ENQA, u għamlulu appell permezz tal-membri tiegħu u b'kollaborazzjoni ma' l-EUA, l-EURASHE u l-ESIB, sabiex jiżviluppa "sett ta' standards, proċeduri u linji ta' gwida maqbula dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità". L-ENQA beda x-xogħol fuq dan il-mandat u se jirraporta lura, permezz tal-Grupp għat-Tkomplija tal-Ħidma ta' Bolonja, għal-laqgħa tal-Ministri li jmiss f'Bergen, f'Mejju 2005. Il-Kummissjoni tieħu l-pożizzjoni li ġejja dwar din il-parti tal-Mandat:

***Standards, kriterji u punti ta' referenza***

L-istandards f'dan il-kuntest huma l-kriterji u l-punti ta' referenza wżati mill-aġenziji meta dawn jevalwaw jew jakkreditaw istituzzjonijiet jew programmi. Minkejja dan, is-sett ta' standards li dwaru kien hemm qbil m'għandux isir restrittiv tant li jostakola l-iżvilupp. L-istandards għandhom jintużaw bħala punti ta' referenza, billi jipprovdu lingwa komuni li kulħadd jista' jagħmel referenza għaliha. L-aġenziji għandhom jidentifikaw u jippubblikaw l-istandards li japplikaw u jirrelatawhom mal-punti ta' referenza komuni. Il-punti ta' referenza huma mistennija jżiedu t-trasparenza u l-kumparabbilità fl-Ewropa. Se jgħinu sabiex jinstabu karatteristiċi simili u differenzi bejn programmi differenti ta' studju, mingħajr ma dawn jiġu armonizzati. L-Universitajiet u l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla oħra għandu jkollhom il-libertà li jkunu differenti, sabiex idaħħlu innovazzjonijiet u jmorru lil hinn minn dak li hu deskritt fis-sett ta' standards maqbul.

Żewġ settijiet ġodda ta' standards qed isiru aktar importanti: il-mekkaniżmi interni dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità u l-użu ta' riżultati ta' tagħlim u kompetenzi. Sabiex ikunu rilevanti, il-punti ta' referenza jeħtieġu li jkunu aġġornati regolarment u jlaħħqu ma' l-għarfien ġdid u l-ħtiġijiet tas-soċjetà li qegħdin dejjem jinbidlu. Mod wieħed kif jista' jiġi organizzat l-eżerċizzju ta' aġġornament huwa li jinħolqu Bordijiet għal dawk li għandhom interess fis-suġġett, bl-involviment ta' għalliema universitarji, professjonisti u studenti li rnexxew u li huma attivi fil-qasam; il-Kummissjoni se tieħu l-inizjattiva li tlaqqa' l-ewwel serje ta' Bordijiet għal dawk li għandhom interess fis-suġġett fis-sena akkademika 2004-2005.

***Proċeduri***

L-istħarriġ ta' l-ENQA[2] wera li l-proċedura bażika mniżżla fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-1998 tat prova tal-valur tagħha u li b'mod ġenerali qed tiġi applikata fil-maġġoranza ta' l-evalwazzjonijiet. Din il-proċedura, irrakomandata fil-kuntest ta' l-UE, tpoġġiet fil-kuntest akbar ta' Bolonja mill-Ministri f'Berlin. Riżultat mixtieq għal din il-parti ta' l-eżerċizzju tal-Mandat ikun Manwal ta' l-ENQA dwar Proċeduri ta' Assigurazzjoni tal-Kwalità, li jkun fih numru ta' mudelli u protokolli aċċettati komunement ibbażati fuq il-prattika tajba fl-Istati Membri. Il-Kummissjoni temmen li l-pubblikazzjoni ta' dan il-manwal tkun mixtieqa. Fi qbil

---

2 Proċeduri dwar il-Kwalità ta' l-Edukazzjoni Ogħla Ewropea – Stħarriġ ta' l-ENQA, ENQA Occasional Papers 5, April 2003. http://www.enqa.net/texts/procedures.pdf

mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-1998 u tal-Berlin Communiqué 2003, il-Kummissjoni tistenna involviment sistematiku internazzjonali fit-tmexxija u l-evalwazzjonijiet ta' l-aġenziji.

***Linji ta' Gwida***

Il-Linji ta' Gwida jirreferu għall-prinċipji li għandhom jiġu rispettati meta jsiru evalwazzjonijiet esterni. Sett ta' linji ta' gwida jew prinċipji maqbula se jiġu stabbiliti permezz tal-mandat ta' l-ENQA. Uħud minn dawn il-prinċipji diġà jistgħu jiġu identifikati, bħalma huma r-responsabbilità pubblika ta' l-awtonomija ta' l-università u l-indipendenza ta' l-aġenziji esterni, il-proporzjonalità u l-ġustizzja. Riżultat mixtieq għal din il-parti ta' l-eżerċizzju se jkun l-istabbiliment ta' Kodiċi ta' Prinċipji għall-assigurazzjoni tal-kwalità fl-Ewropa, li miegħu għandhom jimxu dawk kollha li għandhom interess fis-suġġett u li jiġi inkluż ukoll fil-Manwal ta' l-ENQA.

**C. Reġistru Ewropew ta' l-Aġenziji għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità u ta' l-Akkreditar**

*"jinkoraġġixxu l-aġenziji dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità u ta' l-akkreditament, flimkien ma' organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-edukazzjoni ogħla, sabiex iwaqqfu "Reġistru Ewropew ta' l-Aġenziji dwar l-Assigurazzjoni tal-Kwalità u ta' l-Akkreditament", kif deskritt fl-Anness, u sabiex ikunu definiti l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni."*

Evalwazzjonijiet esterni jkollhom aktar impatt jekk l-aġenzija kkonċernata tilħaq l-ogħla standards ta' indipendenza u professjonaliżmu. Għal din ir-raġuni, qed jiġi propost li l-aġenziji ta' l-assigurazzjoni tal-kwalità li joperaw fl-Ewropa, huma stess għandhom ikunu suġġetti għal reviżjonijiet regolari. Ir-riżultati ta' dawn ir-reviżjonijiet għandhom jiġu ppubblikati. Il-Ministri f'Berlin staqsew lill-ENQA u lill-imsieħba sabiex "jesploraw modi kif tiġi żgurata sistema ta' reviżjonijiet tal-proċeduri għall-assigurazzjoni tal-kwalità u/jew aġenziji jew korpi ta' l-akkreditament". Ir-reviżjoni ta' l-aġenziji għandha twassal għall-istabbiliment ta' Reġistru Ewropew ("Lista", *Clearing House*") ta' l-Aġenziji għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità, li jkopri l-pubbliku, il-privat, l-aġenziji professjonali, li joperaw jew li huma bbażati fl-Ewropa fuq bażi reġjonali, nazzjonali, Ewropea jew internazzjonali. Il-pubblikazzjoni tar-Reġistru fuq l-internet tista' tikkontribwixxi sabiex jiġu aċċettati valutazzjonijiet u sistemi ta' evalwazzjoni u akkreditament u jiffaċilita b'mod indirett ir-rikonoxximent tal-kwalifiki fl-Ewropa u aktar 'il bogħod.

It-termini ta' referenza, li jiddefinixxu dak li jagħmel aġenzija tajba, jeħtieġu li jiġu stabbiliti kif ukoll proċeduri u linji ta' gwida għal din it-tip ta' reviżjoni. Hemm bżonn li tiġi elaborata sistema ta' reviżjoni, b'iċċekkjar u bilanċi bejn dawk li għandhom interess fis-suġġett: universitajiet, studenti, imsieħba soċjali u korpi professjonali, gvernijiet u aġenziji.

Ir-Reġistru jfisser li membri preżenti u futuri ta' l-ENQA u aġenziji oħra li joperaw fl-Ewropa jkunu suġġetti għal assigurazzjoni tal-kwalità u evalwazzjonijiet huma stess. L-akbar parti ta' l-aġenziji ma jsibux diffikultajiet sabiex iżommu mat-termini ta' referenza u dan jipprovdilhom tikketta ta' kwalità. Membri kandidati jkunu stimolati jgħollu l-livell ta' l-operazzjonijiet tagħhom, qabel jiġu rreġistrati bħala membri sħaħ. Dawn jieħdu għajnuna speċjali sabiex tgħinhom fil-proċess ta' tkabbir tal-kapaċità.

**D. L-awtonomija ta' l-Università biex tagħżel aġenzija**

*"jagħtu ċ-ċans lill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla attivi fit-territorju tagħhom sabiex jagħżlu minn fost aġenziji għall-assigurazzjoni tal-kwalità jew ta' l-akkreditament fir-Reġistru Ewropew, aġenzija li tilħaq il-ħtiġijiet u l-profil tagħhom."*

Istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla għandhom jingħataw il-libertà li jagħżlu aġenzija li tilħaq il-ħtiġijiet tagħhom, sakemm din l-aġenzija tidher fir-Reġistru u tiġi rikonoxxuta mill-pajjiż tagħha bħala indipendenti u ta' min jafdaha. Tista' tkun aġenzija f'pajjiż Ewropew ieħor. L-Universitajiet għandhom jiġu nkoraġġuti jiżviluppaw strateġija ta' akkreditament. L-Universitajiet għandhom imexxu l-akkreditament u jikkunsidraw liema tip ta' akkreditament jolqot l-aħjar l-interessi partikolari tagħhom. Fuq il-bażi ta' din l-istrateġija, dawn jistgħu jagħżlu akkreditament reġjonali, nazzjonali jew internazzjonali.

**E. Kompetenza ta' l-Istati Membri sabiex jaċċettaw il-valutazzjonijiet u jieħdu azzjoni**

*"jaċċettaw il-valutazzjonijiet magħmula mill-aġenziji kollha għall-assigurazzjoni tal-kwalità u l-akkreditament imniżżla fir-Reġistru Ewropew bħala bażi għad-deċiżjonijiet dwar l-għotja ta' liċenzji jew l-għoti ta' fondi għal istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla, inkluż għal kwistjonijiet ta' eliġibbilità għal self u* grants *għal studenti."*

L-Istati Membri huma responsabbli li jorganizzaw is-sistemi nazzjonali ta' assigurazzjoni tal-kwalità tagħhom. Huma jiddefinixxu l-qafas nazzjonali għall-kwalifiki. Huma jagħtu d-dritt lil istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla sabiex dawn ikunu jistgħu jagħtu l-lawrja (liċenzjar). L-Istati Membri jiffinanzjaw il-maġġorparti ta' l-edukazzjoni ogħla kif ukoll is-self ta' flus u l-*grants* għall-istudenti. L-Istati Membri għalhekk jiddeċiedu dwar it-tip ta' assigurazzjoni tal-kwalità jew akkreditament li għandhom bżonn sabiex jieħdu deċiżjonijiet pożittivi jew negattivi dwar il-liċenzjar u l-iffinanzjar.

Sabiex iwettqu dawn ir-responsabbiltajiet, l-Istati Membri jistrieħu dejjem aktar fuq il-ġudizzju ta' l-aġenzija jew aġenziji nazzjonali ta' l-assigurazzjoni tal-kwalità. Fi ftit każijiet[3], l-Istati Membri ddeċidew li jiftħu l-possibilità li jirrikonoxxu l-ġudizzju ta' aġenzija minn pajjiż Ewropew ieħor bħala ekwivalenti għall-ġudizzju ta' l-aġenziji nazzjonali. Għadu dibattibbli jekk huwiex tassew meħtieġ li kull pajjiż iwaqqaf is-sistema ta' assigurazzjoni tal-kwalità tiegħu. Il-kooperazzjoni tista' tfisser il-vantaġġi ta' l-ekonomiji kbar u s-sinerġiji permezz ta' l-għaqda ta' l-għarfien speċjalizzat, iż-żieda fl-oġġettività u l-kredibbilità. Il-Belġju (il-Flandri) u l-Olanda iddeċidew saħansitra li jwaqqfu sistema ta' akkreditament waħda flimkien. F'dawk il-każijiet il-ġudizzju ta' aġenzija minn pajjiż barrani jieħu post il-ġudizzju ta' aġenzija nazzjonali u d-deċiżjonijiet li jittieħdu wara dwar il-liċenzjar u l-iffinanzjar ikunu bbażati fuq dak il-ġudizzju.

Il-Kummissjoni temmen li l-ftuħ tal-bibien għal aġenziji minn pajjiżi Ewropej oħra huwa żvilupp pożittiv. Il-kompetizzjoni li tinħoloq tistimola lill-aġenziji sabiex itejbu lilhom infushom u s-servizzi li joffru, u dan jieħu l-evalwazzjonijiet u l-akkreditamenti tagħhom fuq livell internazzjonali, Ewropew. Dan imbagħad jikkontribwixxi sabiex titjieb il-kwalità ta' dawn ir-riżultati. Dan jista' jwassal ukoll biex l-aġenziji jadottaw speċjalizzazzjonijet. Uħud jistgħu jagħżlu l-livell reġjonali, nazzjonali jew Ewropew. Oħrajn jistgħu jikkonċentraw fuq l-

[3] Id-Danimarka, il-Ġermanja u l-Olanda

evalwazzjoni istituzzjonali jew fuq ċerti dixxiplini (per eżempju, l-inġinerija) jew gruppi ta' suġġetti (bħax-xjenzi umanistiċi u soċjali). Billi titħalla li ssir assigurazzjoni tal-kwalità transnazzjonali b'dan il-mod ikun appoġġ effettiv għar-rikonoxximent reċiproku tas-sistemi ta' l-assigurazzjoni tal-kwalità jew valutazzjonijiet ta' l-akkreditamenti u l-assugurazzjoni tal-kwalità, u għalhekk għar-rikonoxximent tal-kwalifiki fuq skala Ewropea u anke akbar, filwaqt li l-inizjattiva titħalla f'idejn l-universitajiet u l-awtoritajiet nazzjonali.

Alternattiva tista' tkun li Stat Membru jżomm l-evalwazzjoni istituzzjonali u l-akkreditament f'idejn nazzjonali u jħalli lill-Universitajiet ifittxu programm ta' akkreditament barra l-pajjiż li jiżdied ma' l-akkreditament nazzjonali istituzzjonali. L-Universitajiet jagħmlu dan mhux sabiex ikollhom aċċess dirett għal iffinanzjar mill-istat, iżda għal raġunijiet ta' prestiġju, kif qed jiġri diġà fl-oqsma ta' l-inġinerija u l-istudji dwar il-kummerċ.

L-akbar parti ta' l-evalwazzjoni u l-akkreditament issir fuq bażi nazzjonali jew reġjonali. Huwa mistenni li dawn l-eżerċizzji lokali jsiru komparabbli u aktar Ewropej permezz ta' l-użu ta' "sett ta' standards, proċeduri u linji ta' gwida maqbula" u permezz ta' l-involviment ta' esperti barranin. F'numru limitat ta' każijiet, hemm lok għal evalwazzjoni u akkreditament transnazzjonali. F'oqsma ta' studju li huma internazzjonalizzati ħafna bħall-kummerċ, il-mediċina u l-inġinerija, l-universitajiet u l-isponsors tagħhom (pubbliċi jew privati) jistgħu jsibu utli t-twelid ta' tikketti internazzjonali għal raġunijiet ta' isem prestiġġjuż u ta' ħarsien tal-konsumatur. Programmi ta' studju integrati, bħal Masters li jingħata b'mod konġunt minn istituzzjonijiet differenti, ovvjament jeħtieġu sforz kollaborattiv mill-aġenziji ta' l-assigurazzjoni tal-kwalità rispettivi.

Il-Kummissjoni tappoġġja t-twaqqif u l-fażi ta' ittestjar ta' l-evalwazzjoni u l-akkreditament transnazzjonali ta' programmi ta' studju għalihom jew konġunti u hija lesta li tappoġġja proposti minn organizzazzjonijiet professjonali li jispeċjalizzaw f'xi suġġett, u li twaqqaf l-akkreditament Ewropew f'oqsma bħall-mediċina u l-inġinerija. Bħala l-ewwel pass, il-Kummissjoni se tappoġġja t-tnedija ta' numru limitat ta' inizjattivi ta' akkreditament madwar l-Ewropa fl-2004-2005. Mingħajr akkreditament Ewropew, l-universitajiet, li jaraw il-ħtieġa ta' akkreditament li tmur lil hinn minn pajjiżhom, jistgħu jkollhom it-tentazzjoni li jfittxu ismijiet prestiġġjużi barra l-Ewropa u b'mod partikolari minn aġenziji fl-Istati Uniti.

## 3. KONKLUŻJONI

Dawn il-ħames passi jeħtieġu azzjoni deċiżiva fuq livell istituzzjonali, ta' aġenziji, nazzjonali u Ewropew. L-istituzzjonijiet iridu jwaqqfu tmexxija tal-kwalità interna rigoruża u jiżviluppaw "strateġija ta' akkreditament". L-aġenziji għandhom japplikaw ir-Rakkomandazzjoni ta' l-1998 bis-sħiħ u jħejju ruħhom għal skrutinju ħarex. L-Istati Membri għandhom jagħtu appoġġ lill-universitajiet tagħhom u jippermettu l-awtonomija ta' l-universitajiet, inkluż l-għażla ta' l-aġenzija. L-Istati Membri għandhom iħallu lill-aġenziji tagħhom joperaw b'mod indipendenti u transfruntier. Għandhom ikunu lesti li jaċċettaw il-valutazzjoni ta' aġenziji li huma ta' min jafdahom li jinsabu f'pajjiżi Ewropej oħra jew li joperaw fuq skala Ewropea. Il-kooperazzjoni Ewropea għandha twassal għat-twaqqif ta' "Reġistru" Ewropew ("lista", "*clearing house*") minn aġenziji ta' assigurazzjoni jew akkreditament li huma ta' min jafdahom. B'dan il-mod, il-kwistjoni li kien hemm ħafna dibattiti dwarha, dik tar-"rikonoxximent reċiproku" tista' issir realtà.

Il-Kunsill il-ġdid u r-Rakkomandazzjoni Ewropea tagħti kontribut qawwi għat-twaqqif ta' sistema Ewropea koerenti għall-assigurazzjoni tal-kwalità fl-edukazzjoni ogħla, ittejjeb il-kwalità, tiffaċilita r-rikonoxximent tal-kwalifiki u tippromwovi l-mobilità.

2004/0239 (COD)

Proposta għal

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL U TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**dwar kooperazzjoni Ewropea akbar fl-assigurazzjoni tal-kwalità ta' l-edukazzjoni ogħla**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA U L-PARLAMENT EWROPEW

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 149(4) u 150(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,[4]

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali[5],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[6],

Jaġixxu fi qbil mal-proċedura mniżżla fl-Artikolu 251 tat-Trattat[7],

Billi:

(1) minkejja li l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' l-24 ta' Settembru 1998 dwar il-kooperazzjoni Ewropea fl-assigurazzjoni tal-kwalità ta' l-edukazzjoni ogħla kienet ta' suċċess notevoli kif jidher fir-rapport tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2004, xorta waħda għad hemm il-ħtieġa li titjieb l-edukazzjoni ogħla Ewropea sabiex issir aktar trasparenti u ta' min jafdaha għaċ-ċittadini Ewropej u għal studenti u akkademiċi minn kontinenti oħra.

(2) ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill sejħet għal appoġġ għal u, fejn meħtieġ, l-istabbiliment ta' sistemi trasparenti għall-assigurazzjoni tal-kwalità, u kważi l-Istati Membri kollha waqqfu sistemi nazzjonali għall-assigurazzjoni u bdew jew għenu t-twaqqif ta' aġenzija jew aġenziji għall-assigurazzjoni tal-kwalità jew ta' l-akkreditament.

(3) ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill appellat għal sistemi għall-assigurazzjoni tal-kwalità li jkunu bbażati fuq serje ta' karatteristiċi essenzjali, inkluż l-evalwazzjoni ta' programmi jew istituzzjonijiet permezz ta' evalwazzjoni interna, evalwazzjoni esterna, u li tinvolvi s-sehem ta' studenti, il-pubblikazzjoni tar-riżultati u sehem internazzjonali.

(4) dawn il-karatteristiċi b'mod ġenerali ġew implimentati fis-sistemi għall-assigurazzjoni tal-kwalità u twaqqfu mill-Ministri Ewropej ta' l-Edukazzjoni li ltaqgħu f'Berlin

---

4 ĠU C […], […], pġ. […].
5 ĠU C [...], [...], pġ. [...].
6 ĠU C [...], [...], pġ. [...].
7 ĠU C [...], [...], pġ. [...].

f'Settembru 2003, fil-kuntest tal-Proċess ta' Bolonja, jaħdmu għat-twettiq ta' Żona Ewropea ta' Edukazzjoni Ogħla.

(5) in-Netwerk Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Ogħla, ENQA, ġie stabbilit fl-2000 u n-numru ta' aġenziji membri tiegħu qiegħed dejjem jiżdied fl-Istati Membri kollha.

(6) il-Ministri ta' l-Edukazzjoni miġbura f'Berlin, f'Settembru 2003, "appellaw lill-ENQA permezz tal-membri tiegħu, u b'kollaborazzjoni ma' l-EUA, l-EURASHE u l-ESIB, sabiex jiġi żviluppat sett ta' standards, proċeduri u linji ta' gwida maqbula dwar l-assigurazzjonijiet tal-kwalità sabiex jiġu esplorati modi kif tiġi żgurata reviżjoni adegwata ta' l-aġenziji jew korpi li jagħmlu assigurazzjonijiet tal-kwalità u/jew akkreditament, u jiġi rrapurtat lura permezz tal-Grupp għat-Tkomplija tal-Ħidma lill-Ministri fl-2005. "

(7) Huwa mixtieq li ssir lista pożittiva jew reġistru ta' aġenziji għall-assigurazzjoni tal-kwalità li huma indipendenti u ta' min jafdahom li joperaw fl-Ewropa, kemm jekk ikunu reġjonali jew nazzjonali, ġenerali jew speċjalizzati, pubbliċi jew privati, li jaħdmu għall-profitt jew le, sabiex tkun appoġjata t-trasparenza fl-edukazzjoni ogħla u jiġi mgħejjun ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u perijodi ta' studju barra l-pajjiż.

(8) Fil-kuntest ta' l-Istrateġija ta' Lisbona, il-Kunsill Ewropew, f'Barċellona f'Marzu 2002, esprima l-konklużjoni li l-edukazzjoni u s-sistemi ta' taħriġ Ewropej għandhom isiru *"referenza dinjija għall-kwalità"*[8]

HAWNHEKK JIRRAKKOMANDAW LI L-ISTATI MEMBRI:

A. jeħtieġu li l-istituzzjonijiet kollha ta' edukazzjoni ogħla li huma attivi fit-territorju tagħhom idaħħlu jew jiżviluppaw mekkaniżmi rigorużi interni għall-assigurazzjoni tal-kwalità.

B. jeħtieġu li l-aġenziji għall-assigurazzjoni tal-kwalità jew ta' l-akkreditament li huma attivi fit-territorji tagħhom ikunu indipendenti fl-evalwazzjonijiet tagħhom, japplikaw il-kriterji ta' l-assigurazzjoni tal-kwalità mniżżla fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill ta' Settembru 1998 u japplikaw sett komuni ta' standards, proċeduri u linji ta' gwida, għal għanijiet ta' evalwazzjoni.

C. jinkoraġġixxu l-aġenziji għall-assigurazzjoni tal-kwalità u ta' l-akkreditament, flimkien ma' l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-edukazzjoni ogħla, sabiex iwaqqfu "Reġistru Ewropew ta' l-Aġenziji għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità u ta' l-Akkreditament", kif deskritt fl-Anness, u sabiex ikunu definiti l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni.

D. jagħtu ċ-ċans lill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla attivi fit-territorju tagħhom jagħżlu minn fost aġenziji għall-assigurazzjoni tal-kwalità jew ta' l-akkreditar fir-Reġistru Ewropew, aġenzija li tilħaq il-ħtiġiejiet u l-profil tagħhom.

E. jaċċettaw il-valutazzjonijiet magħmula mill-aġenziji kollha għall-assigurazzjoni tal-kwalità u l-akkreditament imniżżla fir-Reġistru Ewropew bħala bażi għad-deċiżjonijiet dwar l-għotja

[8] Il-Kunsill Ewropew ta' Barċellona – il-Presidenza Konklużjonijiet. http://ue.eu.int/ueDocs/cms_Data/docs/pressData/en/ec/71025.pdf

ta' liċenzji jew l-għoti ta' fondi għal istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla, inkluż għal kwistjonijiet ta' eliġibbilità għal self u grants għal studenti.

II. JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI:

A. sabiex tkompli, b'kollaborazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri, tagħti l-appoġġ tagħha għal kooperazzjoni bejn istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla, aġenziji għall-assigurazzjoni tal-kwalità u għall-akkreditament, awtoritajiet kompetenti u korpi oħra attivi fil-qasam.

B. sabiex tippreżenta rapporti kull tliet snin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-progress fl-iżvilupp ta' sistemi għall-assigurazzjoni tal-kwalità f'diversi Stati Membri u dwar l-attivitajiet ta' kooperazzjoni fuq livell Ewropew, inkluż il-progress li jkun sar fl-għanijiet li għalihom hemm referenza aktar 'il fuq.

Magħmula fi Brussell,

*Għall-Kunsill* *Għall-Parlament*

*Il-President* *Il-President*

## ANNESS

**"Ir-Reġistru Ewropew għall-Aġenziji għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità u ta' l-Akkreditament".**

Ir-Reġistru għandu jipprovdi lista ta' min jafdaha ta' aġenziji li l-Istati Membri (u l-awtoritajiet pubbliċi fi ħdan l-Istati Membri) jistgħu jafdaw l-ġudizzju tagħhom. Għandu jiġi mwaqqaf fuq il-prinċipji ewlenin li ġejjin:

1. Il-lista għandha ssir minn rappreżentanti ta' l-aġenziji għall-assigurazzjoni tal-kwalità u l-akkreditament attivi fl-Istati Membri, flimkien mar-rappreżentanti tal-qasam ta' l-edukazzjoni ogħla (universitajiet u edukazzjoni ogħla li mhijiex università, studenti, għalliema universitarji u riċerkaturi) u imsieħba soċjali.

2. Il-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' l-aġenziji għandhom jinkludu:

   – L-impenn li jkunu kompletament indipendenti meta jgħaddu l-ġudizzju tagħhom,

   – Ir-rikonoxximent minn wieħed jew aktar Stati Membri (jew awtoritajiet pubbliċi fi ħdan l-Istati Membri),

   – Li jimxu fuq il-bażi ta' sett ta' standards, proċeduri u linji ta' gwida li għalihom hemm referenza f'taqsima 6 ta' din ir-rakkomandazzjoni,

   – Reviżjoni esterna regolari min-nies li jaħdmu fil-qasam u esperti oħra, inkluż il-pubblikazzjoni tal-kriterji, il-metodoloġiji u r-riżultati ta' din ir-reviżjoni.